# San Andrea Corsini



Fiesile hi belt ċkejkna u sabiħa, qrib ta' Firenze. Qegħda fuq għolja, imdawra minn kullimkien bil-ħdura, veru post tal-mistrieħ u hena. L-akbar ġieh li għandha din il-belt huwa Sant'Andrea Corsini li dam ħamsa u għoxrin sena Isqof tagħha.

Ma kienx isqof kif kienu ħafna oħrajn ta' żminijietu. Il-ħsieb ewlieni tiegħu kien il-ġieh t'Alla u l-ġid tal-poplu. Sa mindu sar Isqof qata' t-tradizzjoni li kienu żammew l-isqfijiet ta' qablu, li jibqgħu jgħixu fil-Belt ta' Firenze, fejn kienu jistgħu jgħixu ħajja aktar komda. Andrea Corsini ried ikun veru ragħaj tal-poplu t'Alla, għalhekk ried igħix miegħu fil-ġid u fin-niket, u miegħu jaqsam in-niket u t-taħbit ta' kuljum.

Sant'Andrea Corsini ma twelidx qaddis, imma l-bidla fil-ħajja tiegħu kienet frott tat-talb u l-eżempji tal-ġenituri tiegħu. Missieru Nikola u Ommu Ġemma kien ilhom miżżewġin żmien u baqgħu bla tfal. Kienu bdew jaqtgħu qalbhom li ser jibqgħu weħidhom. Staqsew tobba imma fuq kollox talbu lill-Madonna, imsejħa "tal-poplu" li kienet meqjuma fil-knisja tal-Karmnu ta' Firenze. Talbu fuq li talbu, sa waslu, skond id-drawwiet ta' dak iż-żmien li joffru l-ewwel wild li jkollhom lill-Madonna.

Il-ħsibijiet t'Alla hu jafhom. Nafu biss li xewqithom ġiet mitmuma għax kellhom tnax-il tarbija. L-ewwel wieħed semmewh Andrea. Awl il-lejl li kellu jitwieled ommu kellha ħolma. Rat jitwieled minnha bħal lupu qalil li ħadd ma seta' għalih. Dan il-lupu, ratu dieħel fil-knisja tal-Karmnu u wara ftit ħareġ bħal ħaruf. Kienet ħolma jew tħabbira? Min jista' jgħid?

Andrea kiber f'saħħtu u fuq tiegħu. Billi l-familja Corsini kienet familja nobbli u sinjura, missieru kellu pożizzjoni għolja ferm fil-gvern ta' Firenze. Andrea kellu ġid kemm irid f'idejh sa minn tfulitu. Rasu kienet tajba u ġo Firenze kien hemm ħafna postijiet ta' tagħlim. Intelliġenti u għani, Andrea kien żagħżugħ imtella' b'ħafna kburija. Għamilha ma' ħafna kumpanija. Ma tantx kien ibaxxi rasu lejn ħadd lanqas lejn il-ġenituri tiegħu. Anzi bikkiehom kemm-il darba bl-imġiba ħażina tiegħu. Darba Ommu tant kellha qalbhą maqsuma li ċanfritu aktar mis-soltu u qaltlu, "Int tassew Lupu, mhux ibni" u rrakkontatlu l-ħolma li kellha qabel twieled. Andrea tħasseb u

www.fleurdelysparish.com

ħareġ mid-dar. Fejn mar? Wara ħafna tfittix sabuh jibki u jitlob quddiem il-Madonna tal-Poplu fil-knisja tal-Karmnu. Ħallewh bla ma kellmuh. Ma kinitx bikja ta' xejn.

Dan bil-mod, daħal fil-kunvent u staqsa għal P. Ġirolmu, Pirjol tal-Kunvent, xtehet f'riġlejh u għamel qrara kif imiss. Ried jibda ħajja ġdida. Talab maħfra lill-ġenituri tiegħu għall-uġigħ ta' qalb li ġagħlhom iġarrbu bl-imġiba tiegħu, u ried ipatti għall-imgħoddi tiegħu. Ħafna ħasbu li kollox kien ħeġġa li tgħaddi ta' qalb żagħżugħa, imma ma kienx hekk. Talab li jidħol reliġjuż Karmelitan u billi ħafna kienu jafuh x'ħajja kellu fl-imgħoddi ma tantx riedu jilqugħ. Ma qatax qalbu. Itlob u erġa' itlob, fl-aħħar daħħluh fil-kunvent ta' Firenze bi prova. Mar tajjeb ferm, igħakkes lil ġismu f'kollox, kien ikun minn ta' l-ewwel fit-talb. Kulma qabbduh kien jagħmlu fil-pront u sewwa. L-isbaħ ġurnata ta' ħajtu kienet meta libbsuh ta' Karmelitan. Din il-libsa qatt ma neħħieha f'ħajtu lanqas meta sar Isqof.

It-tiġrib ma naqsux lanqas fil-ħajja reliġjuża. Darba ġew għandu ħbieb milli kellu qabel u għamlu minn kollox biex iħajruh jerġa' għall-ħajja ta' qabel, imma ma rnexxilhomx. Minn naħa l-oħra, x'uħud minn qrabatu, dehrilhom li ma kienx ta' ġieh għall-familja Corsini, li wieħed mill-familja nobbli tagħha, jidher fil-beraħ u fit-triqat jiġbor u jdur bil-fqar, inkella jġorr xi salib fuq spalltu quddiem kulħadd fis-suq. B'dan kollu Andrea baqa' sod daqs il-blat, u żamm fil-fehma tiegħu, li jaqdi 'l Alla u lill-Madonna.

Meta għadda ż-żmien ta' l-istudju, il-ġenituri tiegħu bdew iħejju biex jagħmlulu festa kif jixraq fl-ewwel Quddiesa tiegħu. Dehrilhom li kienet okkażjoni ta' ġieh u mhux ta' min jitlifha. Meta Andrea ittenda b'dan kollu, talab u qala' permess biex l-ewwel quddiesa tiegħu jagħmilha fi Knisja ċkejkna u minsija f'bosk, imsejha "Le Selve", 'il barra minn Firenze. Dak inhar qala' grazzji kbar. Imtela' ħeġġa u qima kbira lejn l-Ewkaristija, kif ukoll imħabba bla qies lejn il-fqar u l-morda. Fil-pront beda l-ħidma tiegħu ta' ġid għal kulħadd waqt li kompla jistudja biex iwettaq dejjem aħjar ix-xogħol li kien afdat f'idejh. Imbagħad li kien jagħmel ħafna l-mirakli. Imma l-aktar li rnexxielu kien li waqt li n-nies kienu tant iħobbuh u jagħtuh ġieh hu baqa' umli u twajjeb daqs ħaruf.

Il-qlubija ta' Andrea dehret fi żmien il-pesta li ħakmet Firenze fis-sena 1348. Dak iż-żmien Andrea kien superjur, imma kien dejjem lest biex igħin u jilqa' lil kulħadd. Fil-kunvent ta' Firenze mietu fuq mitt reliġjuż. Għafsa ta' qalb bħal ta' missier li jaf iħobb, li kienet tfisser ukoll xogħol bla mistrieħ. B'danakollu Andrea baqa' jaħdem u jitlob dejjem bla waqfien. Anzi kompla x-xogħol tal-bini tal-knisja kbira tal-Karmnu ta' Firenze. Kien jagħmel kollox għal Alla u ma kien jistenna ebda ħlas fuq din l-art.

www.fleurdelysparish.com

Il-pesta laqtet ukoll l-Isqof ta' Fiesile, Fulignio di Olivieri Carboni. Il-Kanonċi tal-Katedral skond drawwiet li lill-Papiet ma tantx kienet togħġobhom iltaqgħu malajr u għażlu bħala isqof lil Andrea Corsini. Dan malli sar jaf, ħarab. Imma kien kollu għal xejn. Meta fehem u ra li din kienet ir-rieda t'Alla, aċċetta l-unur u d-dmir li jaħdem għal Alla fid-djoċesi ta' Fiesile, fejn kien hemm vera bżonn. Kienu daħlu ħafna drawwiet ħżiena u it-tagħlim kien abbandunat. Andrea Corsini ħadem u għamel li seta' u fil-ħamsa u għoxrin sena li dam isqof ta' Fiesile ra lil din il-belt terġa' bil-mod il-mod tersaq lejn Alla u taqdih kif imiss.

Il-mewt ta' Andrea Corsini fl-1374 kienet ta' biki għal kulħadd. Fiesile tilfet missier. Għalxejn kien ħalla fit-testment li ried jindifen fil-knisja tal-Karmnu ta' Firenze għax il-Fjeslin riduh li anke wara mewtu jibqa' magħhom. B'dan kollu, il-Karmelitani ta' Firenze ma qagħdux kwieti. Marru fi Fiesile bil-lejl, ħadu lil Andrea magħhom u flok funeral għamlulu trijonf. Il-ġisem tiegħu baqa' kif kien bla mittiefes. Għamel mirakli kbar fosthom l-akbar imsemmija r-rebħa li ġab lil Firenze fuq l-għedewwa tagħha fil-battalja msejha ta' Anghiari fl-1440. Minn dak in-nhar bdiet issirlu festa kull sena u kulħadd beda jsejjaħlu Beatu, sakemm ġie ddikjarat qaddis fl-l629 mill-Papa Pawlu V.

Firenze għadha sal-lum tqim lil San Andrea Corsini bħala Patrun tagħha, u fil-knisja tal-Karmnu ta' l-istess belt, il-familja Corsini għamlet Kappella sabiħa u artistika b'tifkira lil dan il-Qaddis li għaraf f'ħajtu jaqdi dejjem dmiru skond ir-rieda t'Alla, u fuq l-ispirtu Karmelitan ta' umilta' u sempliċita'.

Il-festa ta' dan il-qaddis issir nhar id-9 ta' Jannar.

www.fleurdelysparish.com

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

*Ritratt: Pittura ta' San Andrea Corsini, xogħol ta' Joseph Cauchi fuq bandalora li tkun armata fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fi Fleur-de-Lys.*